MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 102/2005

**Gourmet Company Limited**

**Vs**

**Anthony Vella**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-25 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha s-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi fil-11 ta’ Ottubru 2005 inghatat sentenza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Mariano Vella et vs Gourmet Company Limited (cit. nru:- 246/96) li biha l-appell ta’ Gourmet Company Limited gie michud u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat-13 ta’ April 1999 giet konfermata u t-titolu tal-fond maghruf bhala Gourmet Bar & Restaurant bl-istore mieghu anness fi Triq Rabat, kantuniera ma’ Triq Marina, Xlendi limiti ta’ Munxar,

Ghawdex gie dikjarat li huwa tal-konvenut u l-lokazzjoni giet terminata minhabba morozita' fil-hlas tal-kera.

Illi fic-citazzjoni mkien ma gie mitlub l-izgumbrament ta' l-attur mill-fond.

Illi s-sentenza fuq imsemmija mkien ma hemm ordni ta' zgumbrament ta' l-attur.

Illi l-attur ipprezenta citazzjoni ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija.

Illi l-konvenut ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandate ta' zgumbrament kontra l-attur (mandat numru 153/2005AMT) fl-ismijiet **Anthony Vella vs Gourmet Company Limited** u li biha qieghed jipprova jissana n-nuqqas tieghu u jitlob l-izgumbrament meta qatt ma nghatat dik l-ordni mill-Qorti ta' l-Appell.

Illi l-mandat ta' zgumbrament hareg fil-konfront ta' l-attur.

Illi l-kopja notifikata lill-attur ghandha bosta nuqqasijiet inkluz il-fatt illi jidher illi d-digriet li bih inhareg il-mandat ma hux iffirmat mill-Magistrat ta' l-Ghassa.

Illi s-sentenza fil-kawza fuq imsemmija m'ghadditx in gudikat peress illi l-attur ipprezenta kawza ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess.

Talbet ghalhekk is-socjeta attrici sabiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara n-nullita' tal-mandat ta' zgumbrament peress illi din m'ghandhiex il-firem mehtiega skond il-ligi.
2. Tirrevoka contrario imperio l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 153/2005AMT peress illi mkien is-sentenza suriferita tordna l-izgumbrament ta' l-attur mill-fond mertu tal-mandat.
3. F'kull kaz tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-mandat surreferit sakemm tinqata' l-kawza ta' ritrattazzjoni intavolata mill-attur.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-14 ta’ Dicembru 2005[1], il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta attrici, fis-sentenza taghha tal-11 ta’ Ottubru 2005 fil-kawza Mariano Vella et vs Socjeta’ Gourmet Company Limited, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell laqghet it-talbiet kollha tal-attur f’dik il-kawza. Fost dawn it-talbiet kien hemm talba ghar-ripreza tal-azjenda u business concern mikrija bis-sahha tal-iskrittura tad-19 ta’ Settembru 1992 u kwindi tal-fond fejn tinsab gestita dik l-azjenda. Ghalhekk certament ma hemm ebda htiega illi l-esponenti jintavola kawza ohra sabiex jigi awtorizzat jizgombra lill-attrici minn dik l-azjenda, u l-fond fejn tinsab gestita.
3. Illi d-dikjarazzjoni illi talba ghal ritrattazzjoni twassal sabiex ma jkunx hemm gudikat fil-kawza li tkun qed tigi impunjata mhix sorretta b’xi disposizzjoni tal-ligi.
4. Illi ghalkemm is-socjeta’ attrici prezentat talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija, huwa veru wkoll illi t-talba tas-socjeta’ ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza giet michuda mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell u kwindi dik is-sentenza hija illum pienament ezegwibbli.
5. Illi l-allegati nuqqasijiet fil-kopji tal-mandat ta’ zgumbrament notifikata lis-socjeta attrici ma jwasslux ghan-nullita’ ta’ dak il-mandat. Ma tezisti l-ebda disposizzjoni tal-ligi illi tikkomina tali nullita’. U anke jekk ghall-grazzja tal-argument jezistu xi nuqqasijiet fil-formala notifikata lis-socjeta’ attrici, dan ma jwassalx ghat-telf tad-dritt tal-esponenti illi jottjeni il-pussess ta’ hwejgu bil-mandat ta’ zgumbrament.
6. Illi bl-istess argument ta’ formalizmu zejjed illi trid tadotta is-socjeta’ attrici, din ic-citazzjoni kienet tkun nulla ghaliex mhix iffirmata mill-avukati illi suppost iffirmawha, u s-socjeta attrici naqset illi tindika n-numru ta’ registrazzjoni taghha, kif titlob il-ligi, apparti nuqqasijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

[1] Fol. 12-13.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum wara li ma tressqux provi u l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi maghluq.

Ikkunsidrat:-

1. Din il-kawza hi ta' facli spedizzjoni u l-Qorti ser tkun konciza kemm jista' jkun. Permezz ta' dawn il-proceduri s-socjeta' attrici qeghda:-

(a) Timpunja l-validita' tal-mandat ta' zgumbrament numru 153/2005AMT fl-ismijiet Anthony Vella vs Socjeta Gourmet Company Limited ghaliex issostni li dan ma giex iffirmat kif mehtieg skond il-ligi, u li fl-ebda parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Ottubru 2005 fil-kawza **Mariano Vella et vs Gourmet Company Limited** (cit. numru 246/1996) ma gie ordnat l-izgumbrament.
(b) Titlob li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, pendenti l-ezitu tal-kawza ta' ritrattazzjoni li giet intavolat mis-socjeta attrici.

2. L-ewwel ilment tas-socjeta attrici hu li l-mandat ta' zgumbrament numru 153/2005AMT fl-ismijiet **Anthony Vella vs Gourmet Company Limited** huwa null ghaliex m'ghandux il-firem mehtiega skond il-ligi. Il-Qorti ghamlet il-verifiki opportuni billi rat l-original tal-mandat u minnu jirrizulta li effettivament dan gie debitament iffirmat mill-Qorti presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. A. Micallef Trigona fl-20 ta' Ottubru 2005. Fil-fatt fil-kopja li giet notifikata lis-socjeta attrici hemm indikat li l-mandat kien gie ffirmat. Ghalhekk l-ewwel talba ser tigi michuda. Ghalkemm il-kopja tal-mandat li giet notifikata lis-socjeta attrici m'hijiex iffirmata, dan ma jfissirx li l-mandat huwa null in kwantu jirrizulta li l-Qorti kient tat ordni ghall-hrug tal-mandat ezekuttiv. M'hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi li tipprovdi ghan-nullita' tal-mandat jekk il-kopja ma tkunx iffirmata jew li tesigi li l-kopja li tigi notifikata lill-intimat ghandha tkun iffrimata. Il-kopja tal-

mandat ezebita mis-socjeta attrici (fol. 7-8) hija l-kopja mahruga mir-Registratur tal-Qorti wara li l-Qorti kienet akkordat it-talba ghall-hrug tal-mandat ta’ zgumbrament.

3. It-tieni ilment tas-socjeta attrici hu li fl-ebda parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijeit **Mariano Vella vs Gourmet Company Limited** (Cit. nru:- 246/96) deciza fil-11 ta’ Ottubru 2005, ma gie ordnat l-izgumbrament mill-fond maghruf bhala Gourmet Bar & Restaurant. Il-Qorti rat is-sentenza msemmija u fil-parti dispozittiva jinghad hekk:-***“Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti”*** Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti (13 ta’ April 1999) awtorizzat lill-konvenut sabiex jirriprendi l-pussess ta’ l-azjenda u *business concern* mikrija, kif ukoll ikkundannat lis-socjeta konvenuta sabiex thallas skadenza tal-kera. It-tielet talba tac-citazzjoni kienet taqra hekk:-**“Kwindi tawtorizza lill-attur jirripendi l-pussess ta’ l-azjenda u *business concern* mikrija bis-sahha ta’ limsemmija skrittura”.** Is-sentenza hija titolu ezekuttiv u l-mandat ta’ zgumbrament kien proprju l-att ezekuttiv idoneju sabiex il-konvenut jiehu lura l-pussess tal-fond kif awtorizzat mill-ewwel Qorti u kkonfermat mill-Qorti ta’ l-Appell. F’dan ir-rigward issir riferenza ghal digriet moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef G. Caruana Demajo) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Axiaq vs Kummissarju ta’ l-Artijiet** (Rikors 319/2007) degretat fl-10 ta’ April 2007. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza kienet ordnat “ir-rilaxx” ta’ proprjeta’ mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet lir-rikorrenti. Sussegwentement, ir-rikorrenti talbet il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament. Il-Qorti osservat:- “*Din il-qorti ghalhekk tifhem illi esekuzzjoni shiha u effettiva tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali trid illi l-proprjetà tinghata materjalment f’idejn is-sid,* ***li ghalhekk setghet tikseb il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament ghal dan il-ghan bis-sahha ta’ dik is-sentenza. Il-mandat ghalhekk inhareg sew u ma kienx hazin ab initio***”*.* Ghalhekk anke t-tieni talba ser tigi michuda.

4. Fir-rigward tat-tielet ilment, illum dan huwa ghal kollox ezawrit. Il-proceduri ta' ritrattazzjoni gew decizi defenittivament permezz ta' sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Marzu 2006 (fol. 45), u f'kull kaz il-mandat ta' zgumbrament gie ezegwit. Ghalhekk anke din it-tielet talba ser tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tichad it-talbiet tas-socjeta attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------